A.L. 282 ta' l-2006

ATT DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA (KAP. 409)

Regolamenti ta' l-2006 dwar Inġunzjonijiet għall-Ħarsien ta' l-Interessi tal-Konsumaturi (Pakkett ta' l-Ivvjaġġar u Protezzjoni ta' Xerrejja f'Kuntratti ta' *Time Sharing* fi Proprjetà Immobbli)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Ministru għat-Turiżmu u Kultura, fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar Inġunzjonijiet għall-Protezzjoni ta' l-Interessi tal-Konsumaturi (Pakkett ta' l-Ivvjaġġar u Protezzjoni ta' Xerrejja f'Kuntratti ta' *Time Sharing* fi Proprjetà Immobbli).

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor -

Kap. 409.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta kif stabbilita fl-Att;

"id-Direttiva dwar Inġunzjonijiet" tfisser id-Direttiva 98/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 fuq l-inġunzjonijiet għall-protezzjoni ta' l-interessi tal-konsumaturi;

"id-Direttiva dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE tat-13 ta' Ġunju 1990 fuq pakkett ta' l-ivvjaġġar, pakkett ta' vaganzi u pakkett ta' *tours*;

"id-Direttiva dwar *Time Share*" tfisser id-Direttiva 94/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottobru 1994 fuq

il-protezzjoni ta' xerrejja rigward ix-xiri tad-dritt ta' l-użu ta' kull proprjetà immobbli fuq bażi ta' *time sharing*;

"entità kwalifikata" tfisser kull korp jew organizzazzjoni li, għax kostitwita kif għandu jkun skond il-liġi ta' xi Stat Membru, ikollha interess leġittimu li tiżgura li jkun hemm konformità mad-disposizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 3 ta' dawn ir-regolamenti u, bla preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, tinkludi:

Kap. 378.

(a) assoċjazzjoni ta' konsumaturi reġistrata fl-ambitu tat-tifsira tat-Taqsima IV ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur,

(b) korp pubbliku indipendenti wieħed jew aktar, li għandhom interess leġittimu li jiżguraw il-ħarsien ta' l-interessi kollettivi -

(i) tal-konsumaturi ta' pakkett ta' l-ivvjaġġar, pakkett ta' vaganzi u pakkett ta' *tours*, u, jew

(ii) ta' xerrejja f'kuntratti għal *time sharing* fi proprjetà immobbli,

fi Stati Membri oħrajn jew fi Stati taz-ZEE li fihom jeżistu korpi ta' dix-xorta,

(ċ) organizzazzjonijiet volontarji fi Stati Membri oħrajn jew fi Stati taz-ZEE li jkollhom l-iskop li jħarsu l-interessi msemmija fil-paragrafu (b) ta' din it-tifsira skond il-kriterji mniżżlin mil-liġi nazzjonali tagħhom,

(d) organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-Awtorità bħala rappreżentattivi kollettivament ta' aġenti ta' l-ivvjaġġar u, jew ta' bejjiegħa ta' *time sharing* fi proprjetà immobbli, jew

(e) kull entità kwalifikata minn Stat Membru jew Stat taz-ZEE inkluż fil-lista ta' entitajiet kwalifikati;

"Komunità Ewropea" tfisser l-organizzazzjoni stabbilita mit-Trattat ta' Ruma fl-1957 u emendata istituzzjonalment u b'mod ieħor fl-1986 bl-Att Singolu Ewropew, fl-1993 mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fl-1997 bit-Trattat ta' Amsterdam u fl-2001 bit-Trattat ta' Nizza u kif emendat b'kull ftehim ta' adeżjoni u kif jista' jkun aktar emendat minn żmien għal żmien;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea;

"il-Qorti" tfisser, sakemm ma jingħadx mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, il-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha;

"lista ta' entitajiet kwalifikati" tfisser il-lista kompilata u aġġornata mill-Kummissjoni u pubblikata fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej li tagħti lista ta' l-entitajiet kwalifikati fl-Istati Membri u fl-Istati taz-ZEE skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar Inġunzjonijiet;

"Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar," tfisser ir-Regolamenti ta' l-2000 dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar, Pakkett ta' Vaganzi u Pakkett ta' *Tours* liema regolamenti jittrasponu d-Direttiva dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar; A.L. 157 ta' l-2000.

"ir-Regolamenti dwar *Time Share*" tfisser ir-Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Protezzjoni ta' Xerrejja f'Kuntratti ta' *Time Sharing* fi Proprjetà Immobbli, liema regolamenti jittrasponu d-Direttiva dwar *Time Share*; A.L. 269 ta' l-2000.

"Stat Membru" tfisser Stat li hu membru tal-Komunità Ewropea;

"Stat ZEE" tfisser kull Stat li hu parti kuntrattwali mill-ftehim fuq iz-Zona Ekonomika Ewropea ffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju 1992 kif emendat bil-Protokoll iffirmat fi Brussell fis-17 ta' Marzu 1993 u kif emendat minn żmien għal żmien.

(2) Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti li huma użati wkoll fl-Att, fir-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar jew fir-Regolamenti dwar *Time Share* għandu jkollhom l-istess tifsiriet li għandhom fl-Att.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-Att, kemm-il darba ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw fir-rigward ta' kull notifika ta' kull att, tkun xi tkun id-deskrizzjoni tiegħu, u, jew ta' kull miżura ta' infurzar.

3. L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jimplimentaw id-disposizzjonijiet tad-Direttiva dwar Inġunzjonijiet safejn din hija applikabbli biex tipproteġi l-interessi kollettivi ta' konsumaturi u, jew ta' xerrejja fir-rigward tar-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar, u tar-Regolamenti dwar *Time Share*, u għandhom jiġu interpretati u applikati b'dan il-mod. Għan.

Skop.

4. Dawn ir-regolamenti japplikaw għal kull transazzjoni jew rekwiżit taħt ir-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar, u taħt ir-Regolamenti dwar *Time Share*.

Applikazzjoni għal ordinijiet ta' konformità minn entitajiet kwalifikati.

5. (1) Meta entità kwalifikata tkun tixtieq toħroġ ordni ta' konformità, hija għandha tippreżenta applikazzjoni bil-miktub lill-Awtorità. Fl-applikazzjoni tagħha hija għandha tissodisfa lill-Awtorità li hi kienet ippruvat tasal biex twaqqaf il-ksur tar-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar u, jew tar-Regolamenti dwar *Time Share* f'konsultazzjoni jew mal-konvenut jew kemm mal-konvenut kemm ma' xi entità kwalifikata oħra ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istat taz-ZEE li dwaru tkun qegħda tipprova tikseb l-ordni ta' konformità. L-Awtorità għandha tilqa' biss applikazzjoni bil-miktub jekk l-entità kwalifikata turi għas-sodisfazzjon tagħha li t-twaqqif tal-ksur ma jkunx irnexxa fi żmien ġimgħatejn wara li tkun waslet it-talba għal konsultazzjoni.

(2) Meta l-entità kwalifikata tkun minn Stat Membru jew minn Stat ZEE ieħor, l-Awtorità għandha tittratta l-lista ta' entitajiet kwalifikati pubblikata mill-Kummisjoni bħala prova konklużiva tal-kapaċità legali ta' l-entità kwalifikata li tippreżenta applikazzjoni bil-miktub ta' dik ix-xorta f'Malta.

(3) L-Awtorità għandha, wara li ssirilha talba minn entità kwalifikata minn Malta, tikkomunika lill-Kummissjoni l-isem u l-objettivi ta' din l-entità, u li dik l-entità kwalifikata għandha tiżdied mal-lista ta' entitajiet kwalifikati biex jiġi faċilitat ir-rimedju għal kull ksur inter-komunitarju.

(4) Qabel ma tmexxi biex toħroġ ordni ta' konformità taħt ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha, jekk tqis li jkun hekk possibbli u raġonevoli li tagħmel, l-ewwel tipprova tasal għal konformità volontarja mill-persuna li kontrieha l-ordni ta' konformità tkun intenzjonata li tinħareġ, skond dawn ir-regolamenti, l-Att, ir-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar, ir-Regolamenti dwar *Time Share* u, jew kull liġi oħra li tittratta l-ħarsien tal-konsumatur.

(5) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, ksur isir meta jsir xi att jew ommissjoni kontra r-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar u, jew ir-Regolamenti dwar *Time Share*, liema att jew ommissjoni jagħmlu dannu lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi.

Ħruġ ta' ordnijiet ta' konformità.

6. (1) Meta l-Awtorità tħoss li jkun raġonevolment xieraq jew neċessarju għall-ħarsien tal-konsumaturi, hi tista', b'inizjattiva tagħha stess jew wara applikazzjoni bil-miktub li tagħmlilha entità kwalifikata, toħroġ ordni ta' konformità kontra persuna għal xi wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin:

(a) fejn titlob lil xi tali persuna tieħu kull miżura speċifikata fl-ordni ta' konformità, fiż-żmiem speċifikat fl-ordni biex tiżgura li jkun hemm konformità mad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar u, jew tar-Regolamenti dwar *Time Share*;

(b) fejn titlob lil xi tali persuna tieqaf jew ma tkomplix tikkommetti ksur tar-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar u, jew tar-Regolamenti dwar *Time Share*.

(2) L-Awtorità għandha, meta toħroġ ordni ta' konformità taħt dawn ir-regolamenti:

(a) tinnotifika b'kopja ta' l-ordni ta' konformità lil kull persuna li tinħareġ l-ordni kontrieha;

(b) tinkludi, ma' l-ordni ta' konformità, informazzjoni dwar id-dritt li l-ordni tkun kontestata fil-Qorti; u

(ċ) tagħti fil-qosor ir-raġunijiet għall-ħruġ ta' l-ordni ta' konformità, liema raġunijiet għandhom ikunu notifikati lil kull persuna li kontrieha tinħareġ l-ordni u, jekk ikun il-każ, lill-korp kwalifikanti li l-ordni tkun inħarġitlu wara li jkun għamel applikazzjoni għaliha.

(3) M'għandha tinħareġ l-ebda mandat kawtelatorju jew xi ordni oħra, tkun kif tkun deskritta, taħt xi liġi oħra minn xi qorti jew tribunal li ma jħallix jew li jirrestrinġi lill-Awtorità milli toħroġ ordni ta' konformità taħt dawn ir-regolamenti.

Diskrezzjoni ta' l-Awtorità li toħroġ ordni ta' konformità.

7. (1) Għandu jkun fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità jekk għandhiex toħroġ jew le ordni ta' konformità wara li tkun saritilha talba bil-miktub minn entità kwalifikata skond ir-regolament 6(1) ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Jekk l-Awtorità tiddeċiedi li ma toħroġx ordni ta' konformità wara li tkun saritilha applikazzjoni minn entità kwalifikata, l-Awtorità għandha, fi żmien sebat ijiem mid-data tad-deċiżjoni tagħha, tinnotifika bil-miktub lill-entità kwalifikata u lill-persuni li kontriehom tintalab l-ordni ta' konformità bid-deċiżjoni tagħha filwaqt li tagħti r-raġunijiet għaliex ħaditha.

Ordni ta' konformità tidħol fis-seħħ minnufih.

8. Ordni ta' konformità maħruġa mill-Awtorità għandha tidħol fis-seħħ b'effett immedjat.

Appell minn ordni ta' konformità.

9. (1) Persuna li kontrieha tinħareġ ordni ta' konformità tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi notifika ta' l-ordni ta' konformità, tistitwixxi azzjoni fil-Qorti li fiha titlob ir-revoka jew emenda ta' l-ordni ta' konformità u tagħti raġunijiet dettaljati għala dan. L-Awtorità u, fejn ikun xieraq, kull entità kwalifikata li setgħet talbet il-ħruġ ta' ordni ta' konformità, għandhom ikunu notifikati bl-azzjoni u jkollhom perjodu ta' ħmistax-il ġurnata biex iwieġbu mid-data minn meta jkunu ġew notifikati bl-azzjoni.

(2) Il-Qorti tista' tikkonferma, tibdel jew tħassar l-ordni ta' konformità skond kif ikun jidhrilha xieraq, sakemm meta tagħmel dan il-Qorti għandha, f'kull każ, tagħti r-raġunijiet tagħha għala dan l-aġir.

(3) Meta azzjoni tiġi istitwita taħt dan ir-regolament, l-ordni ta' konformità għandha tibqa' fis-seħħ kemm-il darba l-Qorti, fuq talba tal-parti li tkun qegħda tikkontesta l-ordni, ma tordnax speċifikatament li l-ordni ta' konformità għandha titwaqqaf sakemm tkun deċiża l-azzjoni, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet u l-emendi għall-ordni skond ma l-Qorti tista' tistabbilixxi.

Kap. 12.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, *mutatis mutandis*, jirregolaw kull azzjoni magħmula fil-Qorti.

Każijiet għandhom jinstemgħu u jkunu deċiżi b'urġenza.

10. Azzjonijiet istitwiti taħt ir-regolamenti 7 u 9 ta' dawn ir-regolamenti għandhom jinstemgħu u jkunu deċiżi mill-Qorti b'urġenza u kemm jista' jkun malajr:

Iżda l-Qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet fil-proċeduri quddiemha, tista' tqassar kull limitu ta' żmien stabbilit taħt dawn ir-regolamenti fir-rigward tat-tmexxija ta' l-azzjoni li tkun qegħda tittratta.

Ebda ħtieġa li tipprova telf attwali, eċċ.

11. Meta l-Awtorità, tkun qegħda toħroġ ordni ta' konformità taħt dawn ir-regolamenti, hija ma tkunx meħtieġa li ġġib prova dwar:

(a) xi telf jew ħsara attwali; jew

(b) xi traskuraġni, negliġenza jew żball min-naħa tal-persuna li kontrieha tkun qegħda tinħareġ l-ordni ta' konformità.

L-Awtorità tista' titlob pubblikazzjoni.

12. (1) L-Awtorità tista', biex il-pubbliku jkun infurmat aħjar:

(a) tikkomunika b'kull manjiera li tidhrilha xierqa, kopja ta' ordni ta' konformità magħmula taħt ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti kontra kull persuna, b'mod sħiħ jew parzjali; u, jew

(b) tordna lill-persuna li kontrieha tkun inħarġet l-ordni ta' konformità, li tikkomunika b'kull mod li l-Awtorità tista' tqis xieraq, dikjarazzjoni korrettiva fir-rigward ta' xi ksur tar-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaġġar u, jew tar-Regolamenti dwar *Time Share*.

(2) Komunikazzjonijiet li jkunu skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom isiru għas-spejjeż tal-persuna li kontrieha tkun inħarġet l-ordni ta' konformità f'mill-inqas żewġ gazzetti ta' kuljum fi żmien sebat ijiem minn meta jasal avviż li jkun jitlob lill-persuna involuta li tħallas l-ispejjeż li jsiru biex issir il-komunikazzjoni:

Iżda meta l-komunikazzjonijiet ma jsirux skond ma qiegħed jingħad hawn qabel, l-Awtorità tista' tgħaddi biex toħroġ il-komunikazzjonijiet hi nnifisha:

Iżda wkoll kull spiża li tagħmel l-Awtorità biex toħroġ xi komunikazzjoni magħmula minnha skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, għandha tkun tista' tiġi irkuprata bħala dejn ċivili mill-persuna li kontrieha tkun inħarġet l-ordni ta' konformità.

Nuqqas ta' konformità ma' l-ordni.

13. (1) Persuna li taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, jew li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi ordni ta' konformità maħruġa taħt dawn ir-regolamenti, tikkommetti reat kontra dawn ir-regolamenti u tista', meta tinstab ħatja, teħel multa ta' mhux anqas minn mitt lira Maltija iżda li ma tkunx iżjed min elf lira Maltija u, jew multa ta' mhux inqas minn ħamsa u għoxrin lira Maltija u ta' mhux iżjed minn ħamsin lira Maltija għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat.

(2) Jekk l-Awtorità hi sodisfatta li l-persuna li kontrieha tkun inħarġet l-ordni ta' konformità tkun ripetutament naqset milli tikkonforma ruħha ma' dik l-ordni ta' konformità maħruġa taħt dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' mbagħad tissospendi jew tiċħad milli ġġedded xi liċenza li dik il-persuna jista' jkollha taħt l-Att għal perjodu li ma jkunx jeċċedi ż-żmien ta' sena.